FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1930/00JR**

**S.J.M. Computers Limited**

**vs**

**Joyce Dimech u Carmelo Dimech ghall kull interess li jista' jkollu fil-Ligi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija hamsa u disghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm195.62) rapprezentanti bilanc tal-prezz rimanenti minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' bejgh ta' computer "laptop" ATX tal-marka CTX mudell numru**

**700 E, 266 liema computer gie debitament mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti jew min minnhom;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli minn Dicembru, 1999 (data ta' l-ahhar pagament) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma derhu.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Marie Claire Mifsud ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni  tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici hija soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija hamsa u disghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm195.62), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Novembru, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**